MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 7 ta’ Settembru 2020**

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
**(Spettur Karl Roberts)**

**Vs**

**Iza Asam**
**(Numru tal-Pulizija 19H-103)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Iza Asam** akkużat talli fis-7 ta’ Settembru 2020 u jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta’ qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi Passaport, li huwa kien jaf li ġie ffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta’ Malta);

2. Għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra ffalsifikati (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta’ Malta);

3. Mingħajr awtorità leġittima uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta’ dan l-Att li jkun falsifikat skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tatu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u ġie spjegat lilu l-pieni abbinati mar-reati dedotti fil-konfront tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi l-fatti tal-każ huma sempliċi. L-imputat li huwa ta' nazzjonalità Sudaniża u kien ilu Malta mill-2019. Huwa nqabad fis-Seaport ta' Malta sejjer lejn Sqallija b'passaport u permezz ta' residenza ffalsifikati.

Illi dwar il-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti se tieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proċeduri u l-koperazzjoni tiegħu mal-Pulizija.

Illi l-Qorti tqis illi piena karċerarja, anke jekk lejn il-minimu, hija l-piena idonea fiċ-ċirkostanzi.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 32 (1) (F) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Iza Asam** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' **sitt (6) xhur priġunerija.**

Finalment, il-Qorti tordna l-konfiska tad-dokumenti esebiti bħala Dokument KR7 u Dokument KR8 esebiti fis-seduta tal-lum, u wara li jgħaddi t-terminu tal-appell tawtorizza d-distruzzjoni tagħhom mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur